Kunsill Lokali Fontana

Minuti tat-8 laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Ħamis, 31 ta' Ottubru, 2013 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet f'4.30 pm.

Preżenti għal-laqgħa:

| | |
|---|---|
| Saviour Borg | Sindku |
| Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Horace Micallef | Kunsillier |
| Mario Mercieca | Kunsillier |
| Victor Cefai | Viċi-Sindku |
| Amanda Abela | A/Segretarju Eżekuttiv |

1. **Talba**

Il-laqgħa bdiet b'talba mis-Sindku Saviour Borg.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 7, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mil-A/Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza mis-Sindku**

- TM – tibdil fir-rotta tal-Arriva għax-Xlendi, fejn se tibda tgħaddi mill-Fontana skont kif talab il-Kunsill.
- Kunsill taż-żagħżagħ – il-Kunsill qabel li m'hawnx biżżejjed żgħażagħ fir-raħal biex dan jiġi fformat.
- Waqet kamra oħra mill-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn li qed jitlob il-Kunsill għaċ-Ċentru Ċiviku. Ovjament dan juri li l-ebda persuna mhi toqgħod hemm.
- Dawl fix-xelter – problema biex jiġi mgħoddi d-dawl minn mal-ħajt tal-Fontana Cottage Industry li jkun jaqsam it-triq għaliex ma nstabx il-*pipe* li suppost ġie mgħoddi minn taħt l-art. Carmel Farrugia qal li l-Enemalta kienet għaddiet il-preparazzjoni għas-servizz tad-dawl. Carmel Farrugia offra li se jiċċekja mal-Enemalta fuq dan is-suġġett.
- Żjara mill-istudenti tal-Kulleġġ ta' Stella Maris li se ssir fil-15 ta' Novembru. Is-Sindku se jieħu ħsieb li jagħtihom informazzjoni waqt iż-żjara fi Pjazza l-Għejjun, Wied Siekel u Wied il-Lunzjata.
- Tiżjin tal-Milied – il-Kunsill qabel li dan isir bħas-snin l-imgħoddija. Għalhekk it-toroq J.Gaspard Le Merchant u Kardinal Alessandro Franchi ser isiru minn Michael Bugeja u f'parti minn Triq il-Għajn mill-knisja sa ħdejn fejn hu l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali mill-Għaqda tal-Armar bil-prezz tas-sena l-oħra, €700kull wieħed. Victor Cefai ssuġerixxa li tiżżejjen Triq Kappillan Ħili wkoll. Il-Kunsill qabel ma dan. Għalhekk intalab biex jattendi fil-laqgħa


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

S. Borg

is-Sur Johnny Theuma f'isem l-Għaqda tal-Armar fejn il-Kunsill offra li din it-Triq tiżżejjen minn din l-Għaqda għall-prezz ta' €450. Is-Sur Theuma għandu jagħti risposta dwar dan wara li jkellem il-membri tal-Għaqda.

- Il-Kuntrattur lesta x-xogħol tal-*Patching with Hot Asphalt* fi Triq Kappillan Hili u triq Dun Ġużepp Grima kif miftiehem fl-aħħar laqgħa ma Gatt Tarmac Ltd. Sar il-kejl tal-*patching* kollu mill-Perit, fil-preżenża tas-Sindku u l-kuntrattur biex il-Perit joħroġ il-kont skont it-*tender*.
- Saret l-applikazzjoni lill-MEPA biex jiġġedded l-permess taċ-Ċentru Ċiviku.
- Tlesta it-tqegħid mill-ġdid tal-monument tas-sajjieda. Dan sar fuq il-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Dwar il-mafkar għal-vittmi tal-logħob tan- nar il-Kunsill se jipproponi l-post fejn dan jista' jsir.
- Rapport tal-*playingfield* mill-MCCA – issir laqgħa ma' Vince Cassar biex jiġi diskuss dan ir-rapport.
- Infetħu *merchant account* tal-Kunsill fuq ordni tad-Dipartiment maż-żewġ banek ewlenin, BOV u HSBC.
- TM: approvazzjoni għall-installazzjoni ta' mera fit-Triq Wied Siekel
- TM: approvazzjoni ta' *Keep Clear* quddiem Sqaq no.1, Triq il-Għajn
- Ħarġa Soċjokulturali għar-residenti għas-serata tan-Notte Bianca. Attendew 55-il persuna, fosthom is-Sindku u l-kunsillier Horace Micallef.
- Ħarġa għar-residenti għal festival taċ-ċikkulata fil-Ħamrun. Attendew 36-il persuna fosthom is-Sindku.
- L-Enġinier Mario Galea prepara d-dokument tal-offerta għall-*live streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill skont ir-rikjesti li għamel id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.
- Sar ukoll it-twaħħil ta' bin quddiem il-knisja parrokjali u dak li kellu jitwaħħal ma sarx peress li ma qagħdx fil-post. Saret ukoll it-tneħħija tal-ġebel minn ħdejn il-knisja mis-Sur Joseph Muscat.
- Tlesta ix-xogħol li sar mill-ġdid bil-porfido fi Pjazza l-Għejjun. Dan skont ftehim li kien sar bejn il-Kunsill u l-Ministeru għal Għawdex.
- Is-Sindku attenda għal laqgħa tal-Kumitat Reġjonali għal Għawdex.
- Is-Sindku attenda għall-attività li tfakkar Jum Għawdex, li saret mill-Kumitat Reġjonali għal Għawdex.
- Skema tal-Inizjattivi għall-Attivitajiet Kulturali – Il-Kunsill qabel biex japplika biex isir it-tieni festival tal-logħob tan-nar nhar il-14 ta' Ġunju 2014.
- Il-Kunsill qabel li jsir xiri ta' printer għal użu tal-Kunsill. L-A/Segretarju Eżekuttiv se tieħu ħsieb li jsir dan.

## 4. Jum il-Fontana

Il-Kunsill qabel li is-serata issir nhar it-30 ta' Novembru, peress li fl-1 ta' Diċembru 2013 huwa l-Ħadd u tiġi iċċelebrata l-festa ta' Sant' Andrija, patrun tal-Fontana. Dan se jsir bis-sehem ta' Brass Tubes Band għall-kunċert ta' Jum il-Fontana għall-ammont ta' €400. Dawn intgħażlu wara li s-Sindku informa lill-Kunsill li l-grupp D Cleffs Band li kien ħa sehem fl-aħħar okkażżjoni ma jistax



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Bo

jattendi minħabba mpenji oħrajn. Dwar l-għoti ta' Ġieħ il-Fontana is-Sindku ppropona lis-Sur Johnny Theuma għas-sehem kbir li volontarjament jagħti fil-paroċċa bħala sagristan fl-attivitajiet u l-festi li jsiru matul is-sena. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Serata tibda b'quddiesa fis-6pm u tagħlaq b'riċeviment fis-Sala tal-Kommunità fejn dan jiġi ordnat mingħand is-Sur Anthony Attard. Se ssir ukoll wirja ta' artiġjanat maħdum fil-Fontana, kif ukoll żewġ ħarġiet soċjokulturali,waħda f'Għawdex u l-oħra f'Malta.

5. **<u>Proposti tal-Kunsill għat-tibdil fil-Pjan Lokali tal-MEPA fiż-żona tal-Fontana</u>**

Proposti mis-Sindku:
- Proposti ta' skemi għal-żoni ta' UCA, fit-Triq il-Għajn, Triq Kappillan Ġużepp Hili u Triq l-Isptar San Ġiljan jkunu nċentivati biex jiġu riabilitati.
- Jiġi mmarkat bħala *belvedere* f'Trejqet wara l-Idjar, li tigi fuq il-Wied tal-Lunzjata.
- Isir realbilitazzjoni tal-Wied tas-Saqwi, speċjalment fejn hi disturbat bit-terrapien. Isir wkoll il-bini mill-ġdid tal-ħitan tas-sejjieħ f'dan is-sit ta' Natura 2000.
- L-iżvilupp tar-raħal jsir b'tali mod li l-*iskyline* tal-knisja jibqa jidher speċjalment mit-Triq tax-Xlendi.
- Jiġu ntrodotti miżuri biex vetturi kbar ma jgħaddux mit-toroq ta' konservazzjoni urbana.
- Jiġi mmarkat bħal Ċentru Ċiviku (189 u 190, Triq il-Għajn) fejn qed jippjana li jiġi l-Kunsill u li s-saqaf tiegħu jibqa dejjem *open space*.

Proposti minn Mario Mercieca:
- Proponiment biex Triq Għajn Tuta, kantuniera ma' Trejqiet wara l-Idjar tiġi mmarkata *green area*.

6. **<u>Memo 26/2013 - Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali</u>**

Il-Kunsill qabel li jintbagħtu ittri ġo kull dar bid-dettalji ta' din il-proposta u min ikun interessat japplika sa l-Erbgħa 6 ta' Novembru. Il-Kunsill qabel li jiltaqa' nhar il-Ħamis, 7 ta' Novembru, fil-5pm biex titieħed deċiżjoni fuq dan.

7. **<u>Mistoqsijiet</u>**

Horace Micallef:
- Ħajt perikoluż fil-bidu tat-Triq l-Isptar San Ġiljan – isir rapport lill-MEPA.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

Mario Mercieca:

- Staqsa min jieħu ħsieb it-tindif tal-uffiċċju tal-Kunsill – is-Sindku rrisponda li bħalissa ma hemm l-ebda persuna li tieħu ħsieb dan. Horace Micallef propona li titqabbad Maria Farrugia b'ordni diretta biex tnaddaf darba f'ġimgħa l-uffiċċju u s-sala. Il-Kunsill qabel ma dan.
- Terġa tiġi mwaħħla mera fit-Triq Wied Siekel li tagħti għal Triq ix-Xlendi – tintbagħat ittra lill-MGOŻ peress li din il-mera tneħħiet meta beda x-xogħol fit-Triq msemmiha.
- Ġab stima u sampla tal-pots li jistgħu jitpoġġew fuq il-*bollards* fit-Triq il-Għajn għall-prezz ta' €50 mingħand Agri & Pet Supplies. Il-Kunsill qabel li dawn jinxtraw u jqabbad lill-ħanut stess jorbot dawn il-pots fuq il-bollars.

Victor Cefai:

- Isir *double yellow lines* quddiem l-Għajn il-Kbira u l-Għajn ta' Bendu biex nevitaw li ma jsirx ħasil ta' karozzi fiż-żewġ naħħat. Il-Kunsill qabel li jsiru dawn is-sinjali u titwaħħal tabella biex ma jsirx ħasil ta' karozza ukoll.
- Titranga il-bankina ta' Mario Attard – il-Kunsill se jiċċekja kif din tista issir.

## 8. Ilmenti/Suġġerimenti

- Triq il-Qalb ta' Ġesu – sinjali fit-toroq

Victor Cefai:

- *Floodlight* fit-Triq Kappillan Hili qed tintlaqat mit-trakkijiet - nghidu lill-electrician biex tinqala minn fejn hi u teħel mal-ħajt tal-Enemalta. Horace Micallef issuġerixxa li jeħlu ż-żewġ *floodlights* mal-ħajt.
- L-Iskola tas-Sekondarja tas-subien talbet lill-Victor Cefai biex issir ħarga bl-istudenti ta' klassi waħda fil-Għajn il-Kbira. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsir dan, u qabel li jkun hemm is-Sindku jew il-Viċi Sindku preżenti waqt iż-żjara tat-tfal.

## 9. Approvazzjoni tal-kontijiet

L-iskeda tal-Pagamenti ġiet approvata.

## 10. Tmiem il-laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fl-5.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Hamis, 28 ta' Novembru, 2013 fit-4.30pm.

Amanda Abela
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555